# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 311

KAZ NRU. 448

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Union Haddiema Maghqudin
u
Andrews Feeds (Malta) Ltd
dwar 'sole recognition' tal-gradi non-industrijali.

15 JUL 1988

Chairman: Dr. Richard Camilleri LL.M. (Lond), LL.D.

Membri : Is-Sur Alphonse Farrugia
Is-Sur Arthur Muscat B.A.

### 1. PRELIMINARI

Il-Ministru tal-Politika Socjali, permezz ta' ittra tas-16 ta' Dicembru, 1987 irrefera din it-Tilwima tax-Xoghol ghad-decizjoni tat-Tribunal bit-"terms of remit" segwenti:-

"That once the Union Haddiema Maghqudin (U.H.M.) has proven that it represents the absolute majority of Andrews Feeds (Malta) Limited non-industrial employees, it is to be granted sole recognition for this category of employees".

It-Tribunal ra l-atti kollha tal-kaz, ra d-dokumenti, sema' x-xhieda u ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

.../2

2. L-ORIGINI TAT-TILWIMA

Ghal hafna zmien, il-General Workers' Union kienet il-Union li tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema industrijali kif ukoll il-maggoranza tal-haddiema mhux industrijali u l-maggoranza tal-haddiema totali. Meta l-Union Haddiema Maghqudin kisbu l-maggoranza tal-haddiema mhux industrijali, din il-Union talbet lill-Management tal-Kumpannija s-"sole recognition" ghal din il-kategorija. Il-Management tal-Kumpannija rrinfaccjata b'din it-talba, saqsiet lill-G.W.U. taghti l-veduti taghha. Il-G.W.U. irrispondiet li galadarba hi tirrapprezenta l-maggoranza assoluta tal-haddiema kollha, hi ghanda tibqa' rikonoxxuta bhala "sole collective bargaining agency" minghajr il-qasma fil-Workforce li tippretendi l-U.H.M. Il-Management, ghalhekk, iddecieda li jzomm l-istatus quo u rrimetta ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal.

3. FATTI

(a) Fl-azjenda in kwistjoni hemm Collective Agreement ghal haddiema industrijali (Dok. 1B) u Collective Agreement separata ghal haddiema mhux industrijali (Dok. 1A). Din is-sitwazzjoni ilha tezisti ghal aktar minn hmistax-il sena u cioe' kemm ilu mal-kumpannija s-Sur Debattista (vide xhieda tas-Sur Debattista, Managing Director tal-Kumpannija koncernata, fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 1988). Tul dan il-perjodu l-G.W.U. kienu jirrapprezentaw il-maggoranza taz-zewg kategoriji ta' haddiema. Infatti kien il-G.W.U. stess li nnegozja u kkonkluda z-zewg collective agreements.

(b) Klawsola 2 tal-Collective Agreement li tirrigwarda l-haddiema mhux industrijali tipprovdi:-

"The Company recognises the Union as the sole bargaining agency in respect of and on behalf of its non-industrial employees,

provided that the company shall reserve the right to withdraw recognition immediately if the fully paid up membership of the Union falls below fifty per cent plus one of the number of confirmed employees, registered on the books of the Company covered by this agreement".

Klawsola 2 tal-Collective Agreement li tirrigwarda l-haddiema industrijali hija kwazi identika.

(c) Il-U.H.M. tirrapprezenta il-maggoranza fil-kategorija tal-haddiema mhux industrijali. Il-G.W.U. minn naha l-ohra tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema totali cioe' dawk industrijali flimkien ma dawk mhux industrijali. Dan jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju, 1988 u mix-xhieda tas-sur Joseph Debattista moghtija fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 1988.

(d) Hemm differenzi sostanzjali fil-kundizzjonijiet ta' xoghol taz-zewg kategoriji ta' haddiema. Dan jirrizulta minn ezami taz-zewg collective agreements. Per ezempju, l-haddiema industrijali jahdmu gimgha ta' 40 siegha, waqt li l-haddiema mhux industrijali jahdmu gimgha ta' 35 siegha. Ix-xoghol bix-shift hija n-norma fil-kategorija ta' haddiema industrijali. Il-haddiema industrijali ghandhom production bonus u allowances ghat-tindif ta' silos li ovvjament ma jezistux ghal haddiema mhux industrijali.

(e) Jezistu azjendi fejn gie moghti recognition separat fid-diversi kategoriji ta' haddiema. Fl-azjenda "Simons Farsons Cisk", hemm tlett Unions li huma s-"sole bargaining agencies" ghall-kategoriji ta' haddiema li huma jirrapprezentaw u cioe' l-G.W.U. ghal haddiema industrijali, l-STPSA li hija sezzjoni tal-G.W.U. ghal foremen u l-U.H.M. ghal gradi klerikali. Qabel il-U.H.M. kien hemm house union li tirrapprezenta l-

.../4

gradi klerikali. Din hija sitwazzjoni li ilha tezisti ghal hafna zmien (vide xhieda ta' Paul Portelli, personnel manager ta' Simonds Farsons Cisk, moghtija fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 1988). Fl-azjenda Pantalesco Limited, prezentament hemm il-G.W.U. li ghandha sole recognition ghal gradi industrijali u l-U.H.M. ghandha sole recognition ghal gradi ohra mhux industrijali. Din is-sitwazzjoni ilha minn 1985 u qabel dak iz-zmien il-haddiema mhux industrijali ma kellhomx la union u lanqas rapprezentanza. Il-G.W.U. qatt ma ppretendiet li tinnegozja ghal haddiema mhux industrijali bl-argument li kellha l-overall majority (vide xhieda tas-Sur John Frendo, Administration Manager ta' Pantalesco Limited fis-seduta tal-15 ta' Gunju, 1988).

4. KONSIDERAZZJONIJIET

Il-ligi taghna ma tipprovdix dwar il-makkinarju u l-kriterji ghal sole recognition. Dan ma jfissirx li l-ligi ma tikkontemplax "sole recognition". Infatti l-artikolu 31 tal-Att XXX dwar Relazzjonijiet Industrijali ta' l-1976 jipprovdi illi f'kazijiet ta' 'unfair dismissal' fejn hemm union maghrufa mill-principal bhala li tirrapprezenta l-haddiema, il-haddiem jista' jigi pprezentat biss jew mill-haddiem jew mill-union maghrufa. Min-habba n-nuqqas ta' legislazzjoni, it-Tribunal irid jiddeciedi ghab-bazi tac-cirkostanzi ezistenti fl-azjenda in kwistjoni fid-dawl tal-ambjent generali fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali.

It-Tribunal jibda biex josserva li fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali nsibu diversi sitwazzjonijiet ta' "sole recognition" moghtija ghab-bazi ta' maggoranza f'diversi kategoriji ta' haddiema f'azjenda wahda.

Minbarra dak li jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Paul Portelli ta' "Simonds Farsons Cisk" u s-Sur John Frendo ta' "Pantalesco

Limited" hemm diversi azjendi ohra li ghandhom unions differenti li jirrapprezentaw kategoriji ta' haddiema differenti fl-istess azjenda ghal dak li jirrigwarda collective bargaining. Bhala ezempju wiehed jista' jsemmi id-DSESU fil-Malta Drydocks (vide Decizjoni 69 fil-kwistjoni tax-xoghol bejn DSESU u l-Management tal-Malta Drydocks - 31 ta' Lulju, 1980).

Anke l-Att Nru. XXX ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali implicitament jirrikonoxxi li jista' jkun hemm "sole recognition" ghal diversi kategoriji ta' haddiema f'azjenda wahda. Infatti l-kliem uzati mill-legislatur fl-ahhar proviso tal-artikolu 31 (2) huma indikattivi: "meta Trade Union tkun maghrufa mill-principal bhala li tirrapprezenta l-klassi ta' haddiema mpjegati tieghu li minnha l-haddiem imkeoci huwa wiehed". Dan juri bic-car li l-ligi qed tikkontempla union li tirrapprezenta klassi jew kategorija ta' haddiema.

Dan ma jfissirx li l-ligi jew li l-prattika fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali jinkoragixxu li l-haddiema f'azjenda jinqasmu f'hafna bicciet. Pero' fejn hemm kategoriji differenti u cioe' kategoriji ta' haddiema palesement distinti b'interessi differenti u b'kundizzjonijiet ta' xoghol differenti jista' jkun gust u utili li l-Unions li jirrapprezentaw il-maggoranza fil-kategoriji rispettivi jinghataw recognition separat. Biex tintlahaq decizjoni f'dan is-sens wiehed ghandu jezamina s-sitwazzjoni li tezisti u li kienet tezisti fl-azjenda partikolari kif ukoll it-tradizzjoni u l-prattika f'Malta fl-industrija partikolari.

Il-fatti fil-kaz li qed jigi ezaminat, kollha jwasslu ghal konkluzjoni li ghandu jinghata "recognition" separat ghal haddiema industrijali u ghal haddiema mhux industrijali. Din hija sitwazzjoni li ilha topera fl-azjenda ghal hafna zmien: il-GWU min dejjem innegozjaw collective agreement separat ghal haddiema mhux industrijali. Klawsola 2 tal-istess collective agreement tirrikonoxxi li jekk il "fully paid up membership of the union

.../6

falls below fifty per cent plus one of the number of confirmed employees registered on the books of the company covered by this agreement", il-kumpannija tkun tista' tirtira r-recognition. Wiehed jista' jinnota ukoll li din il-Klawsola stess titkellem fuq impjegati "covered by this agreement" u cioe' haddiema mhux industrijali. Dawn il-fatti juru li l-kumpannija, l-haddiema, u l-G.W.U. ilkoll accettaw il-fatt ta' "recognition" separat ghal dak li jirrigwarda l-kategorija ta' haddiema mhux industrijali.

Lanqas ma hemm dubju li l-U.H.M. tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema mhux industrijali. Dan jirrizulta car mill-fatti. It-Tribunal m'huwiex ser jidhol fil-Kwistjoni dwar jekk ir-regola tal-"fifty per cent plus one" ghandhiex tkun l-uniku kriterju ghal "sole recognition". Huwa bizzejjed f'dan il-kaz li wiehed jinnota li din hija r-regola u l-kriterju li gie accettat mill-kumpannija mill-haddiema u mill-unions koncernati fiz-zewg kategoriji ta' haddiema.

5. DECIZJONI

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpannija ghandha taghti "sole recognition" lil Union Haddiema Maghqudin ghar-rigward tal-Haddiema mhux industrijali ghab-bazi tal-fatt li l-Union tirrapprezenta l-maggoranza tal-haddiema f'din il-kategorija.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Dr. Richard Camilleri
CHAIRMAN

Sur Alphonse Farrugia
MEMBRU

Sur Arthur Muscat
MEMBRU

Aldo Testone
SEGRETARJU